**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT**
**DR. GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Każ Nru. 245/2022**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Daryl Borg)**
**(Spettur Gabriel Micallef)**

**Vs**

**Pawlina Cutajar**

**Illum 30 ta' Mejju 2022**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' Pawlina Cutajar, bint missier mhux magħruf u Maria neè Carabott, imwielda l-Pietà fis-7 ta' Frar 1994, residenti ġewwa il-fond "Charles", Flat 6, Triq Enrico Mizzi, Gżira, u detentriċi tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 83694(M), talli nhar it-2 ta' Mejju 2022 għall-ħabta tad-disgħa ta' filgħodu (09:00hrs) ġewwa l-bini tal-Qorti, Triq ir-Repubblika, Valletta, u f'dawn il-Gżejjer:

1. Inġurjat jew heddet lil Maġistrat Dr. Donatella Frendo Dimech LL.D. waqt li kienet qiegħda tagħmel jew minħabba li kienet qiegħdha tagħmel id-dmirijiet tagħha, jew bil-ħsieb li tbeżżagħha jew li tinfluwixxi fuqha kontra l-Liġi fid-dmirijiet tal-kariga tagħha u dan bi ksur ta' l-Artikolu 93 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Inġurjat jew heddet, jew għamlet offiża fuq il-persuna ta' l-Ispettur Jonathan Cassar u l-Ispettur Roxanne Tabone, persuni inkarigati skond il-Liġi minn servizz pubbliku waqt li kienu qed jagħmlu jew minħabba li kienu qed jagħmlu dan is-servizz, jew bil-ħsieb li tbezzagħhom jew li tinfluwixxi fuqhom kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz u dan bi ksur ta' l-Artikolu 95 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi ma obdietx l-ordnijiet leġittimi ta' l-awtorità jew ta' wieħed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku u dan bi ksur ta' l-Artikolu 338(ee) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi ħebbet kontra l-Maġistrat Dr. Donatella Frendo Dimech LL.D., l-uffiċjali tal-Pulizija Spetturi Jonathan Cassar u Roxanne Tabone, sabiex tinġurjhom, idejjaqhom jew tagħmillhom ħsara u dan bi ksur ta' l-Artikolu 339(1)(d) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

5. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, volontarjament kisret l-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku u dan bi ksur ta' l-Artikolu 338(m) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

6. U kif ukoll talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi qalet kliem li jikkonsisti f'dagħa u dan bi ksur ta' l-Artikolu 338(bb) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

7. U aktar talli rrendiet ruħha reċidiva ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali b'sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex il-Qorti, f'każ ta' ħtija, minbarra li tinfliġġi l-piena stabbilita mill-Liġi, jekk jidhrilha xieraq tipprovdi għas-sigurtà tal-Maġistrat Dr. Donatella Frendo Dimech LL.D., l-Ispetturi tal-Pulizija Jonathan Cassar u Roxanne Tabone u tal-familjari tagħhom jew biex tinżamm l-ordni pubblika, jew għall-iskop ta' protezzjoni tagħhom minn fastidju jew imġieba oħra li tikkaġuna biża' ta' vjolenza u dan ai termini ta' l-Artikolu 412Ċ tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat it-talba ulterjuri tal-Prosekuzzjoni sabiex il-Qorti, f'każ ta' ħtija, tikkundanna lil Pawlina Cutajar għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li waqt is-seduta tat-3 ta' Mejju 2022[1] l-imputata skużat ruħha bl-iktar mod inkondizzjonat u talbet apoloġija u skuża kemm fil-konfront tal-Maġistrat Dr. Donatella Frendo Dimech kif ukoll fil-konfront ta' l-Ispettur Jonathan Cassar u l-Ispettur Roxanne Tabone;

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni markati Dok. "DB1" sa' Dok. "DB5" a fol. 8 sa' 18 tal-proċess;

Rat l-Ordni ta' Protezzjoni maħruġ kontra Pawlina Cutajar permezz ta' Digriet datat 3 ta' Mejju 2022[2];

Rat li waqt is-seduta ta' l-24 ta' Mejju 2022, l-imputata wieġbet li hija ħatja tat-tieni, it-tielet, ir-raba', il-ħames u s-sitt imputazzjoni dedotti fil-konfront tagħha, liema ammissjoni ġiet ikkonfermata minnha anke wara li l-Qorti wissietha bl-iktar mod solenni fuq il-konsegwenzi legali tat-tweġiba tagħha u tatha biżżejjed żmien biex

[1] Fol. 3 u 4 tal-proċess.
[2] Fol. 20 tal-proċess.

tirrikonsidra t-tweġiba tagħha u terġa' lura minnha, iżda wieġbet li ma hijiex ħatja ta' l-ewwel u tas-seba' imputazzjoni dedotti kontriha;

Rat illi l-Prosekuzzjoni u d-Difiża entrambe ddikjaraw li ma għandhomx provi x'jressqu f'dawn il-proċeduri;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiża dwar il-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

L-imputata qed tiġi akkużata talli nhar it-2 ta' Mejju 2022 għall-ħabta tad-disgħa ta' filgħodu (09:00hrs) ġewwa l-bini tal-Qorti, Triq ir-Repubblika, Valletta, u f'dawn il-Gżejjer: (1) inġurjat jew heddet lil Maġistrat Dr. Donatella Frendo Dimech LL.D. waqt li kienet qiegħda tagħmel jew minħabba li kienet qiegħdha tagħmel id-dmirijiet tagħha, jew bil-ħsieb li tbeżżagħha jew li tinfluwixxi fuqha kontra l-Liġi fid-dmirijiet tal-kariga tagħha u dan bi ksur ta' l-Artikolu 93 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; (2) inġurjat jew heddet, jew għamlet offiża fuq il-persuna ta' l-Ispettur Jonathan Cassar u l-Ispettur Roxanne Tabone, persuni inkarigati skond il-Liġi minn servizz pubbliku waqt li kienu qed jagħmlu jew minħabba li kienu qed jagħmlu dan is-servizz, jew bil-ħsieb li tbezzagħhom jew li tinfluwixxi fuqhom kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz u dan bi ksur ta' l-Artikolu 95 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; (3) u aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi ma obdietx l-ordnijiet leġittimi ta' l-awtorità jew ta' wieħed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku u dan bi ksur ta' l-Artikolu 338(ee) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; (4) u aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi ħebbet kontra l-Maġistrat Dr. Donatella Frendo Dimech LL.D., l-uffiċjali tal-Pulizija Spetturi Jonathan Cassar u Roxanne Tabone, sabiex tinġurjhom, idejjaqhom jew tagħmillhom ħsara u dan bi ksur ta' l-Artikolu 339(1)(d) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; (5) u aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, volontarjament kisret l-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku u dan bi ksur ta' l-Artikolu 338(m) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; (6) u kif ukoll talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi qalet kliem li jikkonsisti f'dagħa u dan bi ksur ta' l-Artikolu 338(bb) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; (7) u aktar talli rrendiet ruħha reċidiva ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali b'sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

L-imputata wieġbet li hija ħatja tat-tieni, it-tielet, ir-raba', il-ħames u s-sitt imputazzjoni dedotti fil-konfront tagħha iżda wieġbet li ma hijiex ħatja ta' l-ewwel u tas-seba' imputazzjoni dedotti kontriha.

Fid-dawl ta' l-ammissjoni ta' l-imputata għat-tat-tieni, it-tielet, ir-raba', il-ħames u is-sitt imputazzjoni dedotti fil-konfront tagħha, il-Qorti ssib lill-imputata ħatja ta' tali imputazzjonijiet hekk dedotti kontriha. In kwantu rigwarda l-ewwel u s-seba' imputazzjoni dedotti fil-konfront ta' l-imputata, għal liema wieġbet li ma hijiex ħatja, il-Qorti tosserva li l-Prosekuzzjoni ma ressqitx provi li juru 'l hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li l-imputata hija effettivament ħatja tar-reati lilha addebitati bl-ewwel u bis-seba' imputazzjoni dedotta kontra tagħha. Fiċ-ċirkostanzi għalhekk il-

Qorti tqis li ma tistax issib lill-imputata ħatja ta' l-ewwel u tas-seba' imputazzjoni dedotta fil-konfront tagħha u b'hekk għandha tiġi liberata minnhom.

Għall-finijiet ta' piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni n-natura serja tar-reati li qed tiġi akkużata bihom l-imputata fit-tieni, it-tielet, ir-raba', il-ħames u s-sitt imputazzjoni dedotti fil-konfront tagħha, liema imputazzjonijiet ġew minnha ammessi, iżda ħadet in konsiderazzjoni wkoll il-fatt li l-imputata mill-ewwel skużat ruħha b'mod inkondizzjonat għall-aġir tagħha u talbet skuża u apoloġija, kif ukoll ħadet in konsiderazzjoni l-fatt li l-imputata ammettiet għat-tieni, it-tielet, ir-raba', il-ħames u s-sitt imputazzjoni dedotti fil-konfront tagħha fi stadju bikri tal-proċeduri. Il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni wkoll li t-tielet, ir-raba', il-ħames u s-sitt imputazzjoni dedotti fil-konfront ta' l-imputata huma assorbiti fit-tieni imputazzjoni dedotta kontriha.

Għaldaqstant, filwaqt li tiddikjara li l-imputata ma hijiex ħatja ta' l-ewwel u tas-seba' imputazzjoni dedotti fil-konfront tagħha u konsegwentement tilliberaha minnhom, wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 17(h), 31, 95, 338(m)(bb)(ee) u 339(1)(d) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lill-imputata ħatja, fuq ammissjoni tagħha stess, tat-tieni, it-tielet, ir-raba', il-ħames u is-sitt imputazzjoni dedotta fil-konfront tagħha u tikkundannaha għal sitt (6) xhur priġunerija u għal multa ta' tmin mitt euro (€800), izda billi l-Qorti hija tal-fehma li f'dan il-kaz hemm raġunijiet li jagħtu lok għas-sospensjoni tal-piena karċerarja hawn imposta, senjatament il-fatt li l-imputata irreġistrat ammissjoni għall-imputazzjonijiet li tagħhom qed tinstab ħatja fi stadju bikri tal-proċeduri u l-fatt li l-imputata mill-ewwel skużat ruħha b'mod inkondizzjonat għall-aġir tagħha u talbet skuża u apoloġija, a tenur ta' l-Artikolu 28A tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, tissospendi it-terminu ta' sitt (6) xhur priġunerija hawn impost fuq l-imputata għal erba' (4) snin b'effett mid-data ta' din is-sentenza.

A tenur ta' l-Artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputata bi kliem ċar ir-responsabilità tagħha taħt l-Artikolu 28B tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta jekk hija tikkommetti, matul il-perijodu operattiv ta' din is-sentenza sospiza, reat li għalih hemm piena ta' priġunerija.

A tenur ta' l-Artikolu 11(3) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti avżat lill-imputata li jekk il-multa ta' €800 hawn imposta fuqha ma titħallasx, din tinbidel fi priġunerija bir-rata ta' ġurnata ħabs għal kull €35 jew parti minnhom.

A tenur ta' l-Artikolu 382A tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta l-Qorti qed toħroġ fil-konfront ta' l-imputata Ordni ta' Trażżin għall-fini li tipprovdi għas-sigurtà ta' l-Ispettur Jonathan Cassar u l-familjari tiegħu u ta' l-Ispettur Roxanne Tabone u l-familjari tagħha. Dan l-Ordni ta' Trażżin qed jinħareġ għal perijodu ta' tlett (3) snin li jibda jiddekorri mid-data ta' din is-sentenza u taħt it-termini u kondizzjonijiet indikati f'Digriet mogħti llum stess, liema Digriet qed jiġi anness ma' din is-sentenza u jifforma parti integrali minnha.

A tenur ta' l-Artikolu 382A(3) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputata bi kliem ċar il-kondizzjonijiet imposti fuqha bl-Ordni ta' Trażżin maħruġ fil-konfront tagħha kif ukoll ir-responsabilità tagħha f'każ li tikser xi waħda jew iktar mill-kondizzjonijiet ta' tali Ordni ta' Trażżin, u cioè f'tali eventwalità tista' tiġi

ikkundannata għal multa ta' sebat elef Euro (€7,000) jew għal priġunerija ta' mhux iżjed minn sentejn jew għal tali multa u priġunerija flimkien.

Peress illi f'dawn il-proċeduri ma ġewx nominati Esperti, il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni bbażata fuq l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**MAĠISRTAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**